MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 187/2011

**Mario Bugeja**

**-vs-**

**Bernardette mart Joseph Mary Brincat**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Frar 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi fid-19 ta’ Diċembru 2009 miet missier il-kontendenti Carmelo Bugeja.

2. Illi l-wirt ta’ Carmelo Bugeja huwa regolat bis-saħħa ta’ żewġ testmenti *unica charta* tal-istess Carmelo Bugeja u martu Nazzarena Bugeja pubblikati min-Nutar Nicola Said fl-14 ta’ Frar 1981 (Dok A) u min-Nutar Philip Said fil-5 ta’ Marzu 1998 (Dok B).

3. Illi bis-saħħa tat-tieni artikolu tat-testment *unica charta* tal-14 ta' Frar 1981 it-testaturi nnominaw bħala l-eredi tagħhom lit-tlett uliedhom, senjatament il-kontendenti Mario Bugeja u Bernardette Brincat, flimkien m'oħthom Josephine Bugeja, li ddeċediet qabel il-mewt ta' Carmelo Bugeja.

4. Illi għalhekk il-kontendenti huma l-uniċi werrieta ta' Carmelo Bugeja.

5. Illi skond dak dispost fit-testmenti surreferiti mart il-mejjet Carmelo Bugeja, Nazzarena Bugeja, tgawdi dritt ta' użufrutt fuq il-ġid ta' Carmelo Bugeja.

6. Illi bis-saħħa ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Philip Said fid-29 ta' Mejju 2009 (Dok C) Carmelo Bugeja u Nazzarena Bugeja ttrasferew b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenuta Bernardette Brincat il-fond numru 1, imsemmi "Mediterranea", Triq iż-Żabbarija, Siġġiewi.

7. Illi nofs indiviż ta' din il-proprjeta', senjatament in-nofs indiviż li kien proprjeta' ta' Carmelo Bugeja, huwa nkluż u soġġett għall-kollazzjoni skond l-artikolu 915 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi għalkemm interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Carmelo Bugeja l-konvenuta baqgħet inadempjenti

Tgħid għalhekk il-konvenuta Bernardette Brincat in vista tal-premess għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejjet Carmelo Bugeja;

(ii) tiddikjara u tiddeċiedi li nofs indiviż tal-fond numru 1, imsemmi "Mediterranea", Triq iż-Żabbarija, Siġġiewi, huwa nkluż u soġġett għall-kolazzjoni skond l-artikolu 913 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit nominandi sabiex jigi stabbilit il-valur effettiv tal-istess nofs indiviż;

(iii) tiddikjara u tiddeċiedi li l-assi tal-mejjet Carmelo Bugeja, wara li ssir il-kollazzjoni skond il-liġi, għandhom jinqasmu f'żewġ porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti *qua* werrieta tiegħu, tenut kont ukoll li x'uħud mill-istess assi huma soġġetti għad-dritt ta' użufrutt a favur ta' Nazzarena Bugeja;

(iv) tillikwida u tiddividi, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi, is-sehem dovut lil kull wieħed mill-kontendenti u tordna li kull wieħed mill-kontendenti għandu jitħallas is-sehem tiegħu hekk likwidat u diviż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta preżentata fl-4 ta' Mejju 2011, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija għal kollox intempestiva u ma tistax tiġi promossa f'dan il-mument *stante* illi l-assi tal-mejjet Carmelo Bugeja (missier il-kontendenti) illi l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tagħhom huma soġġetti għall-użufrutt imħolli lil Nazzarena Bugeja, omm il-kontendenti (bħala s-susperstiti) a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-ewwel artikolu tat-testment *unica charta* datat 14 ta' Frar 1981, in atti Nutar Nicola Said (anness bħala Dok "A" mar-Rikors Ġuramentat promoter) kif konfermat bit-tieni artikolu tat-testment *unica charta* addizzjonali datat 5 ta' Marzu 1998 in atti Nutar Philip Said (anness bħala "B" mar-Rikors Ġuramentat promotur) u għaldaqstant f'dan l-istadju għad hemm biss in-*nuda proprjeta'* u mhux il-proprjeta' sħiħa li kwindi ma tistax tiġi likwidata u diviża.

2. Illi tali intempestivita' illi effettivament tirrendi improponibbli l-azzjoni attriċi f'dan l-istadju toħroġ ukoll mill-fatt illi a tenur tal-artikolu erba' (4) tat-testment *unica charta* datat 14 ta' Frar 1981, in atti Nutar Nicola Said (anness bħala Dok "A" mar-Rikors Ġuramentat promotur)

kif konfermat bit-tieni artikolu tat-testment *unica charta* addizzjonali datat 5 ta' Marzu 1998 in atti Nutar Philip Said (anness bħala Dok "B" mar-Rikors Ġuramentat prmotur) id-defunt Carmelo Bugeja tal-fakolta lil martu Nazzarena Bugeja, illi għadha ħajja sal-lum, li tibdel it-testment u għaldaqstant l-attur ċertament li ma setax jipproponi din il-kawża f'dan l-istadju.

3. Illi *oltre* dan l-intempestivita' totali u kwindi l-improponibbilta' tal-azzjoni attriċi tirriżulta mill-fatt illi ebda mill-kontendenti għadhom m'għamlu aċċettazzjoni tal-eredita' tad-defunt Carmelo Bugeja u qabel tali aċċettazzjoni żgur li ma tistax tiġi proposta l-azzjoni li qed jintenta l-attur permezz ta' din il-kawża.

4. Illi, *in linea* preliminari wkoll, u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, jidher illi l-attur sa qabel il-preżentata tar-Rikors Ġuramentat prmotur kien għadu ma ppreżentax id-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* u ħallas it-taxxa relattiva dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u kwindi l-attur m'għandux id-dritt – u ma jistax skond il-liġi – jippromwovi l-azzjoni odjerna.

5. Illi, *in linea* preliminari wkoll, u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ġjaladarba fuq it-trasferiment mogħti b'donazzjoni r-rispondenti kienet ħallset it-taxxa tal-boll dovuta skond il-liġi, tali donazzjoni hija eżenti mill-obbligu tal-kollazzjoni.

6. Illi l-bażi ġuridika għall-istitut tal-kollazzjoni tal-liberalitajiet hija dik illi tinħoloq sitwazzjoni ta' ugwaljanza bejn il-werrieta u l-iskop tad-defunt Carmelo Bugeja u ta' martu Nazzarena Bugeja fl-għoti tad-donazzjoni lir-rispondenti tal-immobbli deskritt fil-kuntratt ta' donazzjoni datat 29 ta' Mejju 2009 in atti Nutar Philip Said proprju kien li joħloq ugwaljanza bejnha u bejn l-istess attur in vista ta' donazzjoni ta' biċċa art fis-Siġġiewi (simulata bħala bejgħ) illi l-ġenituri tal-kontendenti kienu għamlu a favur tal-istess attur, u dan kif jista' jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża; *inoltre* d-donazzjoni ġiet mogħtija wkoll bħala kumpens għal servizzi reżi

regolarment u konsistentement fuq medda ta' żmien mir-rispondenti lill-ġenituri tagħha.

7. Illi għal dawn il-motivi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatti u fid-drittu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistgħu jiġu premessi skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 fejn il-kawza tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti bil-fakolta li jiġu preżentati n-noti ta' referenzi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 t'Ottubru 2011 fejn minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti l-kawża reġgħet tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2011.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' diviżjoni li għaliha l-konvenuta qed topponi preliminarjament l-intempestivita' tal-azzjoni minħabba l-fatt illi omm il-kontendenti Nazzarena Bugeja għad għandha favur tagħha l-użufrutt tal-proprjeta' li trid tinqasam. Il-Qorti f'dan l-istadju trid tiddeċiedi biss dwar dan il-punt.

Illi l-attriċi biex tegħleb dan l-iskoll ippreżentat kopja ta' sentenza fl-ismijiet **"Rita Desira vs Mary Caruana et"** deċiża fil-5 ta' Mejju 2005. F'din il-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta (inċidentalment iċ-ċitazzjoni kienet ġiet redatta mill-Imħallef sottoskritt meta kien għadu jeżerċita l-professjoni ta' Avukat) ġie deċiż illi *'l-iskop ta' kawża ta' diviżjoni hu biex jiġi terminat l-istat ta' komunanza bejn il-partijiet u jekk l-użufrutt jitħalla in eżistenti dan l-istat ta' komunjoni jibqa' jissustissi bejn l-użufruttwarja u l-proprjetarji. Fil-fatt fil-kawża **"Abela vs***

***Micallef"*** *deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 1912 il-Qorti kienet ordnat li mal-bejgħ in liċitazzjoni tal-fondi in komun l-użufrutt għandu jispiċċa għax altrimenti l-fodiment tal-fond jibqa' komuni bejn l-użufruttwarju u l-akkkwirent… L-iskop tad-diviżjoni u tal-liċitazzjoni hi biex il-proprjeta' tgħaddi in piena proprjeta' f'idejn l-akkwirenti u kwindi l-użufrutt għandu jiġi terminat billi l-istess użufrutt jingħata valur u mat-terminazzjoni tal-użufrutt l-użufruttwarju jiġi kkumpensat bil-ħlas ta' dak il-valur."*

Illi dan kollu allura jfisser li ma hemm xejn intempestiv fil-fatt li tintalab diviżjoni u liċitazzjoni ta' proprjeta' soġġetta għall-użufrutt. Naturalment l-użufruttwarju irid jiġi kompensat bil-valur ta' dak l-użufrutt u dwar dan il-Qorti jkollha okkażjoni tippronunzja ruħha ulterjorment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża.**

**L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------